MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2013

Numru. 740/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs.**

**Massimo Sciortino**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Massimo Sciortino**, ta' erbghin sena (40) sena, iben Philip Sciortino u Carmen Sciortino neé Samut, imwieled Pieta fit-3 ta' Settembru 1972 u residenti gewwa 38, Flat 1, Wesghat il-Palazz, Siggiewi, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 398572(M)), akkuzat talli:

1. fl-10 ta' Lulju 2013 ghall-habta ta' 15:47 hrs gewwa Had-Dingli, ikkometta serq ta' flus kontanti

permezz ta’ transazzjjoni minn gewwa ATM, li l-valur huwa 390 Euros, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-lok ghad-detriment ta’ Marielle Calleja (Kapitolu 9, Artikoli 261, 267, 269(g));

2. fl-10 ta’ Lulju 2013 u/jew fil-granet ta’ qabel gewwa s-Siggiewi, ikkommetta serq ta’ *credit cards* tal-bank Bank of Valletta ghad-detriment ta’ Marielle Calleja;

3. fl-10 ta’ Lulju 2013 bejn is-06:00 hrs u 07:00hrs x’imkien fil-Gzejjer ta’ Malta kkommetta serq ta’ 100 Euro permezz ta’ transazzjoni fuq l-*internet*, liema serq sar ghad-detriment ta’ Marielle Calleja (Kapitolu 9, Artikolu 284);

4. fl-10 ta’ Lulju 2013 u fil-granet ta’ qabel x’imkien f’dawn il-Gzejjer zvela *password* jew kull mod iehor ta’ dhul, kodici ta’ dhul jew xi taghrif iehor dwar kif isir id-dhul lil xi persuna mhux awtorizzata (Kapitolu 9, Artikolu 337C(1)(h).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Ufficjal Prosekutur tiddikjara li llum stess sar hlas ta’ Euro 490.00 mill-imputat, liema somma tirraprezenta s-somma kollha misruqa mill-imputat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tieghu (li hija wahda kwazi nadifa) u l-fatt li l-imputat hallas lura l-ammont kollu misruq minnu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(c), 261(e), 267, 269(g), 284 u 337C(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Massimo Sciortino hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------